## Qabbel u fforma sentenza sħiħa

**1.** Il-ġenerazzjoni ġdida ta' Marija hi mmarkata minn
**2.** Il-kapitlu jiftaħ fil-ħanut tal-inbid ta' Wenzu, ir-raġel
**3.** In-nisa ma kinux jingħaqdu magħhom għax posthom
**4.** Marija kienet tagħti daqqa t'id lil Wenzu, tnewwillu dak li jkollu
**5.** Is-sagristan qabad diskussjoni dwar il-Buweri
**6.** Il-Buweri kienu dixxendenti ta' nies Olandiżi,
**7.** L-Ingliżi riedu jaħkmu l-artijiet li kienu kkolonizzaw il-Buweri
**8.** Wenzu qal lis-sagristan li kellu żball għax il-Buweri
**9.** Is-sagristan huwa razzist u ma rrealizzax li hu bħala
**10.** Il-Maltin kienu qed isiru jafu x'qed jiġri lil hinn minn xtuthom
**11.** Fil-ħanut qam ħafna għajjat u
**12.** Marija daħlet fil-ħanut u bdiet tgħajjat biex jisktu

**a.** kien id-dar minkejja li kienu jagħmlu ġurnata jaħdmu bħall-irġiel.
**b.** minħabba d-deheb u kien hemm ukoll minjieri tad-djamanti.
**ċ.** storbju u kulħadd ried jgħid tiegħu.
**d.** Malti kien kolonizzat mill-Ingliżi bħan-nies indiġeni tal-Afrika t'Isfel.
**e.** imma ma kellhomx għarfien biżżejjed u bdew iħawdu kif jifhmu.
**f.** u beda jgħid li l-Ingliżi għamlu sew li daħlu għalihom.
**ġ.** imma l-irġiel injorawha taparsi ma semgħuhiex għax hi mara.
**g.** li kienu kkolonizzaw inħawi fejn illum hemm l-Afrika t'Isfel.
**għ.** bidla fis-sekli, l-1900, is-seklu għoxrin , ikkaratterizzat mill-progress.
**h.** slavaġ u suwed ma kinux imma s-sagristan baqa' jmeri.
**ħ.** bżonn u mbagħad tidħol ġewwa biex tkompli bix-xogħol tad-dar.
**i.** ta' Marija, li fih parruċċani rġiel kienu jinġabru wara ġurnata ħidma.

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| għ | | | | | | | | | | | |

Schembri - Zerafa

© Skola St Joseph Tas-Sliema: Claire Zerafa – Ann Marie Schembri